

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 29/2018

tad-9 ta' Frar 2018

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2019/2065]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-“Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi ⁽¹⁾ trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Direttiva (UE) 2016/802 tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE ⁽²⁾, li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement trid titħassar skont il-Ftehim ŻEE.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 21ad (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“32016 L 0802: Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58).”

Artikolu 2

It-test tad-Direttiva (UE) 2016/802 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2018, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58.

⁽²⁾ ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2018.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN
